MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2003

Numru 331/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputat Joseph Grech ta’ 38 sena imwieled Hal Qormi bin il-mejjet Joseph u Josephine nee Farrugia u residenti ‘Carmel Flats’, Qormi Road, Sta. Venera, detentur ta’ karta ta’ identita numru 156363(m) akkuzat talli:

Fid-19 ta’ Mejju 2001 mill-Qawra limiti ta’ Bugibba u cioe’ minn hdejn il-Fra Ben Restaurant matul il-gurnata minn gewwa van ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, fosthom ammont ta’ travellers cheques b’valur ta’ Lm250, credit

cards u passaport Ingliz mahrug f'isem Derbyshire Kathryn Jane ta' nazzjonalita Ingliza, liema serq jaccedi l-valur ta' Lm250 ghad-dannu ta' Kathryn Jane Derbyshire, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Ukoll li l-imsemmi Joseph Grech jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament, mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa; hu kwalifikat bil-mezz stante sgass, bil-valur billi jaccedi l-mitt lira izda hu taht l-elf lira; bix-xorta tal-haga misruqa billi sehh fuq proprjeta' li kienet gewwa vettura. Fil-fatt mill-provi jirrizulta sodisfacentement li fid-19 ta' Mejju ta' sentejn ilu kien naqas portmoni b'xi 'travellers cheques', credit card u passaport ta' certa Kathryn Derbyshire ta' nazzjonalita' Ingliza minn gewwa vettura proprjeta ta' terzi li kienet ukoll sofriet xi danni minhabba sgass. Fuq daqstant il-provi huma cari daqs kemm hu car ukoll li ghand l-imputat kienu instabu il-passaport taghha u 'travellers cheque' wiehed jew almenu dak li gie esebit. Issa l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri pero' fiz-zewg stqarrijiet li huwa rrilaxxja lill-pulizija stqarr li kien sab l-oggetti li gew elevati minghandu taht xi bankina f'Bugibba u kien intenzjonat johodom l-ajruport u jikkonsenjhom hemm. L-imputat ghalkemm ma xehedx iddikjara pero li l-istess stqarrijiet kienu gew rilaxxjati minnu volontarjament u kien ghalhekk qed jistrieh fuqhom.

Issa stante il-prossimita' bejn meta ssuccieda s-serq u s-sejba tal-oggetti ghand l-imputat, li kien l-ghada tas-serqa, l-Qorti tista' tiddeduci li s-serqa twettqet mill-imputat fuq l-

iskorta tad-duttrina tal-pussess recenti fejn allura jkun jinkombi fuq l-imputat li jaghti spjegazzjoni kredibbli kif gew ghandu l-oggetti. Filwaqt pero' li l-pussess tal-haga misruqa huwa indizju ferm qawwi tar-reat ta' serq dan wahdu mhux per se sufficjenti u ghandu jkun hemm elementi ohra ta' prova li b'xi mod isahhu dan il-fatt – Appell: Pulizija vs Anthony Gatt 3.10.1985 – liema prova din il-Qorti difficilment tara li tissusisti f'dik il-forma li tista' serenament issib rejita fl-imputat. Jinghad f'dan il-kuntest li l-imputat kellu xi oggetti minn dawk li kienu nsterqu u mhux l-oggetti kollha; li l-fatt li kellu l-passaport izda mhux ukoll il-portmoni tad-derubata jaghti kredibilita' u mhux l-oppost lill-versjoni tieghu; li hu gie mixli b'serq u mhux ukoll b'ricettazzjoni u lanqas ma gie akkuzat bil-hsara li giet ikkagunata lill-vettura li jaghti x'jahseb lil din il-Qorti li anka l-pulizija stess kienu f'diffikulta meta gew biex jakkuzaw l-imputat b'dan is-serq.

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------